# AKTAR INTIETEF FOLKLORISTIĊI MILL-GĦASRI

**Toni Calleja**

**Fost l-akbar doti li bihom hu mżejjen il-bniedem, barra mir-ruħ li ma tintemx, u r-raġuni, hemm il-kelma li biha nesprimu ruħna fil-ferħ u n-niket tagħna. F'din il-kitba se nsemmu xi espressjonijiet u frażijiet li f'xi żmien jew ieħor intqalu mill-Għasrin, u minkejja li għadda ż-żmien minn fuqhom, uħud minnhom għadhom ikkwotati sal-lum.**

**1.** Qawl popolari Malti jgħid "*Għall-magħmul m'hemmx kunsill*". Fl-Għasri kienu jingħadu żewġt iqwiel oħra li jixbħu lil dan. Salvu Galea, ta' Ċoqu: 1883-1956 kien jgħid: "*Issa x-xemgħa ntfiet, m'hemmx x'tagħmel*". Waqt li b'mod ġenerali, f'ħalq in-nies kien komuni l-qawl: "*Issa min għamel għamel għax il-muntun begħnieh*".

X'imħatra li l-qawl ta' Salvu qed torbtuh ma xi ħadd li miskin: "*issa miet*". Le. L-espressjoni "*x-xemgħa ntfiet*" m'hix ewfemiżmu, jiġifieri użu ta' kliem aktar artab u ħelu flok il-kelma "*miet*". It-tifsira trid tittieħed litteralment. Fi żmien il-kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), l-għoti tal-gabella bis-subbasta kien isir billi uffiċjal ta' l-universita kien jixgħel xemgħa biex jagħti bidu għall-irkant tal-gabella. Il-gabellotti, jiġifieri dawk li se jidħlu għall-gabella, kienu dlonk jibdew jitfgħu l-offerti tagħhom. L-irkant kien jintrebaħ minn dak li jitfa' l-ogħla offerta sakemm tintefa' x-xemgħa. Wara m'hemmx x'tagħmel għax l-għasfur ikun tar.

It-tieni qawl għandu x'jaqsam mat-trobbija tal-bhejjem. Ir-raħħal li kien ikollu xi żewġ nagħġiet sewwa, kien aktar jaqbillu li jżomm muntun mill-għalla ta' għamnewwel biex jgħammar in-nagħaġ bih, milli jirrikorri għas-servizz offrut minn dak ir-raġel li kien ikollu xi muntun u jdur ir-raħħala joffri s-servizzi tal-muntun għat-tagħmir. Meta r-raħħal kien jara li n-nagħaġ tiegħu huma kollha "mbarazzati", jiġifieri "żammew", għax il-muntun li żamm ikun darhom kollha, allura kien ibiegħ il-muntun għall-laħam. Meta l-muntun jinbiegħ, miskina dik in-nagħġa li tkun għadha m'għamlitx, għax għal dik l-annata tibqa battala. F'dil-kundizzjoni, sidha aktarx li ma kienx jissaportiha għal staġun ieħor, u kienet tmur għal mal-patata l-forn. Għalhekk: "min għamel għamel għax il-muntun begħnieh!"

**2.** Waħda omm ta' familja minn Triq Wied Sara, biex lit-tfal trawwimhom minn kmieni fil-bżulija, kienet spiss tikkmandahom xi faċenda. Lil kulħadd skond l-eta tiegħu. Uliedha ma kinux jiksruha, imma kienu jippruvaw jiżolqu billi jwegħduha li x-xogħol afdat lilhom kienu jagħmluh l-għada. Il-mara ma kinitx terħilhom, u b'sens kbir ta' omm kienet twissihom u tgħidilhom: "Uliedi, għal għada ħobż ħallu, mhux xogħol". X'filosofija hux?!

**3.** Meta Dun Gio Battista Saliba (1813-1890) ta' Triq it-Tamar ma baqax jiflaħ, kienet tittawwallu xi naqra l-ġara tiegħu, Marija Zammit (id-Dibiġa, 1864-1935). Meta miet, la kien hemm il-fond, ippretendiet rikumpens. Il-werrieta tfantsu, għax bħal ma jgħid il-qawl: "*ħin il-ħlas jibda l-qmas*". Il-mara ma kienx baqgħalha għażla ħlief li tieħu l-każ quddiem il-ħaqq. Waqt li kienet fil-pedana tax-xhieda, il-Maġistrat staqsiha: "*Imma proprjament fiex kont taqdih lir-Rev.du Saliba?*" Marija weġbitu spirtu pront: "*Sinjur, kont naqdih f'kollox barra fid-dnub*" – tweġibha li fl-Għasri saret idjomatika dikment.

**4.** Fis-sebgħinijiet tas-seklu l-ieħor fi Triq il-Fanal, f'dik il-parti li llum hi Triq Dun Karm Caruana, seħħ inċident stradali bejn żewġ vetturi bil-mutur. Niżżiħajr 'l Alla ma weġġa' ħadd, u l-ħsara fl-inġenji kienet minima. Is-sewwieqa bdew jargumentaw u l-biċċa kienet għall-Qorti. Wieħed mill-Għasri li nzerta fuq il-post, raħħmilhom ħafna biex jerġgħu jikkunsidraw il-pożizzjoni tagħhom u jaraw jaslux għal xi forma ta' kompromess mingħajr il-ħtieġa tal-Pulizija. Ħu wieħed mill-litiganti widdbu biex ma jindaħalx. Spirtu pront, miksur u avvelut, ir-raġel li ried iressaqhom lejn xulxin bil-kwiet irrisponda: "*Jien tkellimt għall-ġid, għax għalija tista' ddumu l-ħabs sakemm jinbaħ kelb tal-ġebel!*" Marijasantissima!

Billi għadha friska, jiċċitawha mhux ħażin.

**5.** F'kull damma ta' qwiel Maltin wieħed jiltaqa' ma' numru mdaqqas li lkoll jittrattaw dwar it-tifħir u l-ftaħir. Komuni fl-Għasri nsibu minn talanqas erbgħa; tlieta minnhom smajthom biss hawn ir-raħal. Salvu Vella (in-Nannu matern: 1889-1978) kien iħobb isemmi dawn it-tnejn: "*Ftaħir u qdusija, aqta' disgħa u disgħin fil-mija*"; u "*Jew tgħid jew tagħmel, jew tiftaħar jew ikollok*". L-ewwel qawl jista' jitfisser b'qawl ieħor: "*Il-flus u t-tjieba t-tnejn giddieba*". Tat-tieni jfisser lilu nnifsu. Tona Attard, xebba Agius (ta' Jesisi: 1882-1943) ta' Triq il-Fanal, kienet tgħid li: "*Jew niftaħ il-bieb niftaħar, jew nagħlqu u ninsatar*", voldieri meta tistieden in-nies f'darek qis li tittrattahom sewwa, inkella tintriga b'xejn. Qawl ieħor smajtu biss fl-Għasri, u li pero ma sibtx l-oriġini tiegħu. jgħid li: "*Meta l-għadu jibda jfaħħrek, snienu jkunu ġa f'patattek*", jiġifieri l-għadu jfaħħrek biex int teħla, tafdah, u jigdmek...imbagħad waħwaħ kemm trid!

**6.** Sa meta kont għadni mmur l-iskola, jiġifieri lejn l-aħħar tal-ħamsinijiet u l-bidu tas-sittinijiet tas-seklu l-ieħor, kien hemm joqgħod fi Triq il-Misraħ ċertu Ġużepp Apap (id-Dunuru: 1890-1969). Meta t-temp kien jaqleb u d-dinja tisħon, f'nofsinhar Ġużepp kien iħobb joqgħod

daqsxejn għar-rwieħ mimdud f'nofs it-triq, b'rasu mistrieħa fuq l-għatba ta' daru. Aħna t-tfal, li konna niskulaw minn nofsinhar sas-sagħtejn, kien l-għors tagħna nieqfu naqsmu kelma miegħu. Xħin inxebbgħuh kien jgħidilna: *"Isa, issa morru għax il-baqra faqqset!"*
Konna nagħmlu festa għax tgħidx kemm konna niżżuffjettaw b'din l-imbierka baqra tad-Dunuru. Minkejja li konna tfal xorta konna nafu li l-baqra tiled u mhux tfaqqas. It-triq kollha, kullħadd ifendi xi waħda u jidħak: *"Mela l-baqra qroqqa biex tfaqqas!"; "Mur ara l-baqra fil-binnija!"; "Tgħid kemm-il wieħed u għoxrin ġurnata tieħu l-baqra biex tfaqqas?!"*

Maż-żmien skoprejt kemm iżżufjettajna għal xejn, għax il-frażi *'il-baqra tfaqqas'* tfisser li l-baqra neħħiet il-madmad minn fuq għonqha, għax ma riditx taħrat. U aħna ma ridniex nifhmu. Kellux raġun ikeċċina Ġuzepp!

7. Espressjoni oħra endemika għall-Għasri, simpatika ħafna, u li llum ma għadekx tismagħha hi: *"Mela se tagħmel bħal omm Roża ta' Peppi; għax biesha ħarrkitu!"* Din l-espressjoni kienu jgħiduha għal min jagħmel plejtu fuq xejn. Roża kienet tfajla minn Wied Sara li meta żżewġet kienet toqgħod fi Triq il-Fanal, dik il-parti li llum hi Triq Dun Karm Caruana. Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, Peppi Vella (1871-1959), ġuvni minn Triq il-Ġonna, l-Għasri, tgħarras ma' Roża Formosa (1885-1965) – tfajla magħrufa għal sbuħitha – u waqt li kien għandhom, sab okkażjoni jagħtiha bewsa bis-serqa. Qabditu ommha u ħarrkitu! Telgħu il-Qorti u gżatu: "Sinjur, bishieli, bishieli!" Il-Maġistrat inzerta b'rasu fuq għonqu aktar minn omm l-għarusa, u b'ton ta' qisu qed ikellem tifla żgħira weġibha: *"Imma dak għax iħobbha, tafl"*, u keċċihom 'l isfel. U mhux tabilħaqq! Xi ppretendiet?!

Huma u niżlin flimkien mit-"Telgħa tal-Belt", ftiehmu fuq jum it-tieġ. Taraw! Imbagħad forsi ssib min jgħidlek li ta' Ġaħan mhux kollha minnhom!

8. Xi drabi l-bniedem ikun ikkuppat b'xi ħaġa tqila, imma ma jkunx irid jikxef għommtu, lanqas ma' ta' ġewwa. Tad-dar jittendu xorta, għax in-niket u l-ferħ bħad-dawl ta' taħt l-imnara, tostru iva, taħbih le! Allura biex forsi jsiru jafu, jibdew bil-mistoqsijiet fin fin: "Jaqaw ma tiflaħx il-lejla?" Jekk ma jkunx hemm tweġiba, wara ftit, mistoqsija oħra: "Iva trid xi ħaġa?". Dak li jkun, maqsum għal darba, biex juri li ma jridx paroli aktar, kien iwieġeb b'ċerta rabja: **"Irrid il-qaddis bħal Ċikku!"** Għal dik il-lejla, biex ma tinqalax xi pantomima ikbar, kulħadd kien imur jorqod b'merqtu u ftietu, bla kliem u bla sliem.

Fl-Għasri, din l-idjoma jew espressjoni oriġinat minn praspura mwettqa minn ċertu Ċikku, mlaqqam "Barabba". Ismu proprja kien Frenċ Camilleri. Kien tallab mix-Xewkija li għall-ħabta tat-twaqqif tal-parroċċa kien ġie jgħammar hawn l-Għasri f'kamra fuq oħra, tip ta' ħuġira ta' l-antik, bejn taqa' u ma taqax, ħdejn Ta' Qassisu, fi Triq Għammar. Sa żmien tfuliti, ir-rovini tagħhom kienu għadhom jidhru sewwa.

Meta mietu l-ġenituri, Ċikku u ħutu nġabru d-dar biex jaqsmu l-miżerja li ħallewlhom. Hekk kif kienu miġbura qaqoċċa, Ċikku, biex bħal speżi jeħles, beda jgħid waħda f'waħda li hu kull ma ried kien biss "il-qaddis" – San Ġwann tal-kina bil-ħarufa fi ħdanu. Ħutu skantaw kif Ċikku ried biss "il-qaddis" minkejja li la kien komdu mill-flus ... u wisq inqas xi bniedem tar-ruħ! Imma Ċikku ma kienx "Ċ" bit-tikka u ried il-qaddis għax, bil-moħbi tagħha, ġieli ra lil ommu twarrab xi flus ġo fih; kienet tużah speċl ta' karus. Meta ħutu ntebħu bil-bawxata ta' ħuhom ma ħallewhilhux ħelwa għal melħa, u qalulu kredu, tafux!

9. Ix-xerrejja ta' dari, speċjalment dawk tal-bhejjem ta' **laħam il-kelb** - bħal m'huma ż-żwiemel u l-ħmir, jew ta' **qabil il-fart** – bħal m'huma l-baqar u l-barrin, jew ta' **qabil is-suf** – bħall-mogħoż u n-nagħaġ, li sa tfuliti konna ngħidulhom 'kumpraturi' a la taljana, meta kienu joħorġu jixtru, f'xi każijiet kien ikollhom magħhom is-sensar. Xogħol dar-raġel ta' fiduċja kien li bi kliemu ħlejju u meqjus, iwassal lix-xerrej u lill-bejjiegħ sar-"riżq u l-barka".

Meta wara ħafna battibekki u qrid mix-xerrejja – għax min imaqdar irid jixtri – u t-tifħir tal-bejjiegħ, in-negozju kien iseħħ, iż-żewġ partijiet kienu jgħidu lil xulxin kliem ta' riżq u barka. Dan ma kienx biss att galanti bejn iż-żewġ kontendenti, iżda kien parti miċ-ċeremonjal fin-nogozju ta' l-antik. Ma kinitx xi ħaġa mandatorja, imma meta tingħad kellha wkoll ċerta saħħa legali. F'xhieda ġuramentata li Salvu Mercieca (ta' Skardi, mill-Għasri) ta quddiem il-Qorti t'Għawdex nhar it-18 ta' Ottubru, 1911, fil-kawża Wiġi Vella kontra Gużepp Haber, dwar bejgħ ta' baqra, qal: *"L'attore infine accetta questi cinque scellini ed I contendenti si scambiarono lo sta bene **(risk u barka)**"*

Imma barra minn hekk kien hemm ukoll att ieħor xejn inqas importanti xi jsir: il-ħlas. Ġeneralment il-ħlas kien isir fuq il-post, max-xiri; imma ġieli tħalla għall-Ħadd ta' wara, fis-suq tal-bhejjem – fit-telgħa tal-Belt, jew Pjazza Savina. F'dak iż-żmien ta' illitteriżmu, l-għoti ta' l-irċevuta ma ngħidx li kien ineżistenti għax inkun qed nigdeb, imma kienet xi ħaġa kbira; l-eċċezzjoni tar-regola *. Ħafna drabi, speċjalment meta s-somma mħallsa kien ikun fiha teftifa sewwa, il-ħlas kien isir quddiem xhieda okulari. U biex ma jkunx hemm ekwivoku, ezatt mal-ħlas, dak li jkun żborżja l-gordi jgħid b'leħen għoli: "Paċi aħna mela, hux?" waqt li min ikun għadu kemm tħallas, b'leħen xejn inqas għoli kien iwieġeb: "Iva paċl, mela x'inhu!"

* Biex il-qarrej ma jilludix ruħu, nixtieq niċċara punt: l-irċevuta kienet l-eċċezzjoni tar-regola biss fost in-nies ta' bla skola, għax fejn kienu jidħlu ħlasijiet ta' qbiela u ċnus lill-Gvern, lill-Knisja u lis-sinjuri, l-affarijiet kienu xort'oħra.

F'nofs is-seklu tmintax inqalgħet kwistjoni taħraq dwar l-amministrazzjoni ta' ċerta entita' tal-knisja f'Għawdex. Bħala parti mill-proċess, nhar l-1 ta' Settembru, 1753, il-Pro-Inkwiżitur ta' Għawdex, il-kanonku Dun Gio. Antonio Saliba, ġie ordnat isejjaħ lill-kerrejja u liċ-

ċenswalisti li minn-naħa tagħhom kellhom iġibu magħhom l-irċevuti tal-pagamenti, imma l-maġġoranza tennew li l-amministraturi ma kinux jagħtuhom irċevuti – *"ħaġa li mhux faċli temminha f'dan il-pajjiż"* – (l-Arkivju ta' l-Inkwiżitur, Malta, Korrispondenza, 100, f.124)

**10.** Sa ċirka nofs is-seklu għoxrin, allura s-seklu li għadna kemm tfajna wara spallejna, fl-Għasri kien għad hemm id-drawwa li bħala rigal tat-tieġ tingħata tiġieġa – bħalma jidher f'xogħol ta' Edward Caruana Dingli riprodott fuq il-bolla taż-żewġ ċenteżmi li tidher hawn taħt.




**Tiġieġa bħala rigal tat-tieġ**

Imma aktar ma bdew igerbu s-snin, il-ġuvintur, l-aktar dawk li jkunu ħobża u sikkina ma' l-għarus, bdew jirregalawlu lira sħuna sħuna. Niftakarhom jgħidu kollhom mistagħġba: *"It-tali daqqlu werqa lill-għarus!"* - jiġifieri taħ karta ta' lira. Dik il-ħabta li qed ngħid jien, ġurnata xogħol kienet 18-il xelin (90ċ), waqt li tiġieġa kienet bejn wieħed u ieħor tmintax irbiegħi (12ċ5) kollox.
Intant, din it-tixbiħa tal-karta tal-lira mall-werqa għadni ma nistax nifhem eżatt kif oriġinat. Forsi għax ċatta u pjuttost kbira tqabblet mal-werqa ta' d'indja? (pala tal-bajtar tax-xewk). Qed ngħid hekk għax l-Għasri, is-sajjieda tal-qasba, il-kaħli u x-xilep, għax ċatti, kienu jirreferu għalihom bħala weraq. L-espressjoni kienet: *"ma morniex il-baħar għalxejn għax qbadna werqtejn"*. Jekk il-kaħli jew ix-xilep maqbuda kienu jkunu ta' qies akbar min-normal kienu jgħidu: *"Qbadna kull waħda daqs ċuplajsa!"*; mentri jekk ikunu pjuttost żgħar, l-espressjoni kienet: *"Qbadni żewġ fuliet!"*.

Nissuspetta pero, li fil-każ tal-lira, it-tixbiha mal-werqa oriġinat mid-disinn ta' fuq il-karta nnfisha. Fit-8 ta' Mejju 1951, kumbinazzjoni s-sitt anniversarju ta' Jum ir-Rebħa fl-Ewropa, inħarġu għaċ-ċirkolazzjoni f'Malta l-karti tal-lira tar-Re George VI, ta' lewn kannella jagħti fl-aħmar, li fuq in-naħa ta' wara kellhom tarka lixxa b'żewġ werqiet barokki, waħda fuq kull naħa.

Illum in-nies mhux biss m'għadhiex tistagħġeb bil-"werqa" bħala rigal tat-tieġ, imma lanqas bil-"bomba" – LM100. L-espressjoni tal-"bomba" fis-sens ta' somma sabiħa/kbira oriġinat fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor meta fil-Milied kienu bdew jagħmlu r-*Ring us up* fuq ir-*Redifussion*



biex jinġabru l-flus għal dawk anqas ixxurtjati. Fil-programm, meta tidħol xi somma sabiħa/kbira, il-preżentatur kien idoqq qanpiena u jgħid: "Issa għandna bomba", allura somma ta' lanqas ta' mitt lira jew iżjed.

F'nofs is-snin tmenin li għaddew, raġel baħbuħ miż-Żebbuġ, kollu ferħan, ftaħar fuq il-lant tax-xogħol quddiem sħabu kollha li kien għadu kemm *għaqqad **muntun** u kien mar bih ir-Rabat jorbtu t-Tiġrija!* X'kienet tfisser din? Kienet tfisser li kien irnexxielu jfaddal *elf lira* u kien mar jitfagħhom f'kont, marbutin għal sena, f'wieħed miż-żewġ banek kummerċjali li kien hemm dak iż-żmien fi Triq ir-Repubblika, magħrufa minn-nies bħala t-"Tiġrija". Tajba hux? Għaqqad muntun u mar bih ir-Rabat jorbtu t-tiġrija. Tassew oriġinali.

**11.** Waħda mara minn Triq il-Fanal lil uliedha kienet sikwit ittambrilhom biex fil-ħajja dejjem jagħmluha ma' min hu aħjar minnhom, għax *"il-ħażin, jekk mhux illum għada, jgħallik"*. Din il-filosofija hi fula maqsuma mal-qawl Malti li jgħid *"Warrab l-iblah għax int iddiehebu u hu jkasbrek"*. Fost l-oħrajn dan ifisser li qatt m'għandek turi għerfek quddiem l-injorant għax waqt li tkun qed tipporva tgħallem, minflok il-grazzi, hu jipprova jwaqqqak għaż-żufjett.

**12.** Idjoma parikolari li ilni ma nismagħha amment ta' bniedem hija: *"taqqablu l-maxtura"*. Din hi espressjoni marbuta l-aktar mat-trobbija tal-bhejjem, l-aktar dawk ta' laħam il-kelb, jiġifieri żwiemel, dwieb, ħmir, bgħula, u l-bqija. Dawn kellhom ħabta li meta jfettlilhom jagħmlu waħda minn tagħhom, ngħidu aħna jaħarbu bla kontroll bis-sewwieq b'kollox. Meta l-bhima terġa' tiġi f'tagħha u qisu qatt ma kien xejn, kont issib lil xi ħadd li jwiddeb lis-sid: *"Taqqablu l-maxtura għax joqtlok jew jgħallik!"*;

jiġifieri naqqaslu l-matmura, naqqaslu mill-għalf, ħalli l-bhima tnaqqas mis-saħħa u hekk tkun aktar kontrollabli.

**13.** Fl-Għasri għadek tisma' l-espressjoni: *"ħazzieqa ħaxix"*. Fil-pronunzja, din il-frażi fl-Għasri tingħad *"ħazziqa ħaxix"* u hi suġġetta għall-interpretazzjoni. Dari t-tfal kienu jibdew jitkissru sa minn kmieni fit-trobbija tal-bhejjem għax din kienet ħajjithom. Riedu jew ma ridux, dak kien id-destin tagħhom, Għaldaqstant, biex jitrawmu fil-ħajja tax-xogħol u l-bżulija, il-ġenituri kienu jafdawlhom xi animal biex irabbuh huma. Forsi xi fenka sabiħa, xi gidja, jew xi ħarufa li għadha kemm infatmet, jew xi qroqqa bit-tqegħida b'kollox. B'dan il-mod, indlaj indlaj, kienu jitgħabbew bis-sens ta' responsabbilta' għax jum wara ieħor riedu jipprovdu għall-manteniment ta' l-annimal jew tajra tagħhom.

Fl-Għasri ta' tfuliti, niftakar għadd imdaqqas ta' tfal, subjien u bniet, li fi triqthom lura d-dar mill-iskola jew mill-knisja kienu jlaqqtu mit-triq, jew minn ġol-ħitan tas-sejjieħ, l-isbaħ ħaxix għall-annimali ta' l-għożża tagħhom. Kienu jlaqqtu tfief, nibbiet, xi xewka tal-bajda, xi troffa ingliża folta kollha ward isfar, u x'naf jien. Kienu jiġbru qatta ħaxix ċkejkna, daqskemm iżommu taħt abthom, jew kemm jistgħu jaħfnu b'idejhom: ħazzieqa.

**14.** Wieħed mis-slaleb li għandhom l-irġiel hija l-leħja. Tqaxxarha jew tħalliha, kull kif bl-irsuli tagħha. Fl-Għasri ta' tfuliti lhaqt, għalkemm fl-għafja aħħarija tagħha, d-drawwa li ċerti rġiel, meta jkunu vistu, l-leħja ma jqaxxruhiex. Għandi l-amment ukoll li ċerti żgħażagħ, b'fantasija ta' rashom, il-leħja kienu japprezzawha twila. Kienu jħalluha bħala l-għelm ta' l-irġulija. Tarax! Forsi kienu jirraġunaw li jekk ma jqaxxrux il-leħja, n-nies aktar tikkunsidrahom irġiel magħmula. Imma malajr kieni jitrażżnu għax, minn hawn jew minn hemm, dejjem kienu jsibu xi ħadd iqulilhom: *"kieku kull min għandu l-leħja raġel, kieku l-bodbod missier l-irġiel!"* U ma tantx kienet togħġobhom din!

Hawn ir-raħal, sa ftit żmien ilu, kulħadd kien iqaxxar il-leħja bil-mus. Minħabba li d-dinja ma kinitx komda bħal-lum, xi rġiel kienu jixxierku u jaqsmu l-mus bejniethom. Wara kollox, il-kotra ta' l-irġiel ma kinux jagħmlu l-leħja aktar minn darba f'ġimgħa – preferibbilment l-aħħar ħaġa s-Sibt filgħaxija, jew kmieni l-Ħadd.

Niftakar irġiel xjuħ fl-Għasri li, għax kienu bla dentatura, u minħabba t-tikmix, biex ma jqattgħux wiċċhom bil-mus tal-leħja, kienu jagħmlu ċagħka f'ħalqhom. Imma jekk kienu jiddeċiedu li l-leħja jmorru jqaxxruha għand il-barbier, iċ-ċagħka kienu joħduha magħhom fil-but tas-sidrija, għax inkella kien ikollhom jinqdew b'dik komuni tal-ħanut. U din kienu jitmeżmżu minnha; kienu jipprenduha. Kienu jisthajlu li l-barbier seta' għamel użu minnha f'xi okkażjoni meta ssejjaħ biex jagħmel il-leħja waqt it-tkeffin ta' xi katavru!

## Il-MEWT GĦAMJA U TRUXA.

**15.** Fil-kullana ta' qwiel Maltin insibu ġmiel ta' wieħed li jgħid: *"Il-qmis eqreb miċ-ċeppun"*. Dan hu l-verżjoni Maltija tal-proverbju Ingliż: *Charity begins at home*. Missirijietna riedu jfiehemu li hekk kif il-qmis hi eqreb lejn il-ġisem miċ-ċeppun (għamla ta' ġakketta), hekk ukoll l-ewwel obbligu hu li dak li jkun jaħseb fil-familja, fil-qraba, f'dawk ta' ġewwa, mbagħad jiġi ħaddieħor.

Iz-zija Kelina kellha fuq ilsiena ieħor jixbħu: *"Il-mewt eqreb mill-qmis"*. Dan ifisser li minkejja li ħafna drabi l-mewt qajla nagħtu kasha, din tkun fil-qrib aktar milli l-qmis hija lejn il-ġisem. Iz-zija Kelina kienet taf ben tajjeb x'qed tgħid, għax f'karriera ta' aktar minn tletin sena fl-isptar t'Għawdex, min jaf kemm il-darba rat il-mewt tal-ħrief qabel in-ngħaġ.

Iz-zija Kelina kienet ukoll tirrakkonta' l-ħrafa ta' "l-Mewt Għamja u Truxa".

Mela jum fost l-oħrajn, il-Bambin bagħat il-Mewt għal waħda mara armla. Il-Mewt baxxiet rasha u obdiet, iżda ġara li meta marret, sabet lil din il-mara b'ħafna tfal iġebbdu ma' djulha b'mod li ma tafx fejn tagħti rasha bihom. Il-Mewt tħassrithom lil dawk il-qabda qriemeċ li ma jridux ħlife minn ommhom, u tħassret lill-mara li kienet hekk imħabbta.

Mistħija mistħija marret quddiem il-bambin u qaltlu: "Uf, Mulej, kif tridni nġibha! Tħassart lilha u l-għalla tagħha". "Mur ġibli ċagħka minn nofs il-baħar" qallha l-Bambin. Meta ġabithielu, qasamha, sab dudu fiha, u staqsiha: "Dan imnejn hu jgħix?"
"Mill-ħniena tiegħek, ja Mulej" weġbitu l-Mewt.
"U hekk ukoll jgħixu dawk it-tfal, mill-ħniena tiegħi kieku ġibt 'l ommhom". Ħareġ minn ħżiemu t-tgħan, l-istallett, u bih qalgħalha għajnejha u saddilha widnejha biex la tara u anqas tisma'.

